



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14858/21

AGRI 630
AGRIFIN 163
FIN 970

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14477/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 11/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014-2016: Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 11/2021: "Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014-2016: Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura"

adottati mill-Kunsill fit-3838 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Speċjali Nru 11/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: “Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014-2016: Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura”

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 11/2021 tal-Qorti bit-titlu “*Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu l-2014–2016: Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura*”, li jivvaluta jekk il-miżuri eċċezzjonali meħuda bi tweġiba għat-tfixkil li affettwa s-suq tal-ħalib fil-perjodu 2014–2016¹ kinux imfassla kif suppost u kellhomx l-effett maħsub;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni dwar: l-indirizzar ta’ żbilanċi futuri tas-suq filwaqt li tiġi evitata l-provvista żejda u filwaqt li jitnaqqas ir-riskju tal-effett deadweight; l-iżgurar ta’ użu aktar effiċjenti tal-fondi pubbliċi billi jiġu stabbiliti limiti għall-analiżi ta’ żbilanċi potenzjali tas-suq u billi l-appoġġ jiġi marbut ma’ objettivi u miri ċari; u t-teħid ta’ tagħlimiet mid-disturb fis-suq bejn l-2014-2016 bil-ħsieb li tiżdied it-tnejn għal disturbi li jista’ jġarrab is-suq fil-futur;
3. IFAKKAR li, f’każ ta’ disturb serju fis-suq, bħal ma ġara bejn l-2014-2016, fejn il-prezz fis-swieq agrikoli volatili jikkawża problemi sinifikanti ta’ likwidità għall-bdiewa, il-leġiżlatur għandu l-possibbiltà li jagħmel disponibbli serje ta’ strumenti, inkluż il-flessibbiltà fil-pagamenti diretti biex jistabbilizza l-introjt tal-bdiewa, intervent fis-suq (“xibka ta’ sikurezza”) biex jiġu appoġġati l-prezzijiet billi jitneħħew b’mod temporanju l-eċċessi (intervent pubbliku u għajnuna għall-ħżin privat), u miżuri eċċezzjonali biex jiġu miġġielda d-disturbi fis-suq;

¹ Is-settur tal-ħalib tal-UE ffaċċja disturb serju fis-suq fis-snin 2014-2016: fl-2014-2015, b’riżultat ta’ prezzijiet għoljin u kundizzjonijiet tat-temp favorevoli, il-produzzjoni tal-ħalib fl-UE, fl-Istati Uniti u fi New Zealand żdiedet filwaqt li ż-żieda fil-konsum domestiku u fl-esportazzjonijiet bilkemm assorbiet nofs dak il-volum, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-introduzzjoni tal-projbizzjoni Russa fl-importazzjoni.

4. JIRRIKONOXXI li s-sitwazzjoni urġenti fis-settur tal-ħalib kienet teħtieġ kompromess bejn analiżi komprensiva u azzjoni rapida iżda JEMMEN li l-miżuri meħuda fil-perijodu 2014-2016 kienu bbażati fuq analiżi u valutazzjonijiet adatti bl-involviment sħiħ tal-Istati Membri, u appoġġa l-irkupru tas-settur tal-ħalib b'mod flessibbli u prammatiku għalkemm xi wħud mill-miżuri, bħall-iskema volontarja ta' tnaqqis fill-produzzjoni tal-ħalib, kienu introdotti tard fil-proċess ta' ġestjoni tal-kriżi;
5. JINNOTA li l-iskema ta' tnaqqis fill-produzzjoni tal-ħalib kienet primarjament immirata lejn l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil dawk il-bdiewa li aġġustaw il-provvista għad-domanda, u b'hekk ikkontribwew għall-ibbilanċjar mill-ġdid tas-suq tal-ħalib tal-UE u eventwalment influwenzaw l-irkupru tal-prezz tal-ħalib;
6. JINNOTA b'mod ġenerali wkoll li, f'konformità ma' aktar orjentazzjoni lejn is-suq, il-parteciġpanti tas-suq infushom għandhom l-ewwel nett jindirizzaw il-fluttwazzjonijiet fil-provvista, id-domanda u l-prezzijiet permezz ta' aġġustamenti adatti fill-produzzjoni tagħhom stess u li xibka ta' sikurezza jew miżuri oħra għandhom jitqiesu biss bħala l-aħħar soluzzjoni f'każ ta' disturbi fis-suq;
7. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu t-tagħlimiet meħuda mid-disturb fis-suq bejn l-2014-2016 meta jseħħu kriżijiet oħra fil-futur (inkluż pandemiji simili għall-COVID), bħal fir-rigward tal-effetti ta' għajjnuna eċċezzjonali fuq l-imġiba u l-likwidità tal-azjendi tal-ħalib u fuq l-istabbilizzazzjoni tas-suq kif ukoll ir-rwol tal-ġestjoni tar-riskju mill-produtturi u l-imħaleb;
8. JIRRAKKOMANDA li l-osservatorji tas-suq stabbiliti skont il-Politika Agrikola Komuni għandhom jivvalutaw kontinwament id-disturbi fis-suq filwaqt li jqisu l-evoluzzjoni tal-marġnijiet għal kull pass tal-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari fil-livell tal-azjendi agrikoli.